

4. Ir-raba' motiv: id-deċiżjoni tikser il-libertà ta' intrapriża tar-rikorrenti prevista fl-Artikolu 16 tal-Karta u l-prinċipju ta' proporzjonalità sa fejn il-multiplikaturi ta' aġġustament tar-riskju użati ma humiex konformi mal-kapaċità għolja tar-rikorrenti li tassorbi t-telf u mar-riskju, għalhekk, manifestament iktar baxx tal-użu tal-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni fil-każ ta' likwidazzjoni tar-rikorrenti.
5. Il-ħames motiv: id-deċiżjoni tikser l-Artikoli 16 u 20 tal-Karta kif ukoll il-prinċipju ta' proporzjonalità u d-dritt għal amministrazzjoni tajba minħabba żbalji manifesti fl-eżerċizzju ta' diversi setgħat diskrezzjonali mill-konvenut.
6. Is-sitt motiv: l-ewwel u t-tieni sentenza tal-Artikolu 20(1) tar-Regolament ta' Delega jiksru l-Artikolu 103(7) tad-Direttiva 2014/59/UE (\*) kif ukoll ir-rekwiżit li l-kontribuzzjonijiet jiġu kkalkolati skont ir-riskji.

- 
- (<sup>1</sup>) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/81 tad-19 ta' Diċembru 2014 li jspecifika kundizzjonijiet uniformi għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet ex ante għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (ĠU 2015, L 15, p. 1).
- (<sup>2</sup>) Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jstabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU 2014, L 225, p. 1).
- (<sup>3</sup>) Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/63 tal-21 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet ex ante għall-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni (ĠU 2015, L 11, p. 44, rettifika fil-ĠU 2017, L 156, p. 38).
- (<sup>4</sup>) Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2014, L 173, p. 190).

## Rikors ippreżentat fit-28 ta' Ġunju 2022 – Landesbank Hessen-Thüringen Girozentrale vs SRB

(Kawża T-399/22)

(2022/C 380/13)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Partijiet

*Rikorrent*: Landesbank Hessen-Thüringen Girozentrale (rappreżentanti: H. Berger u M. Weber, avukati)

*Konvenut*: Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB)

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni tal-11 ta' April 2022 dwar il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* tal-2022 għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB/ES/2022/18), inklużi l-annessi tagħha, sa fejn id-deċiżjoni kkontestata, inklużi l-Anness I, l-Anness II u l-Anness III tagħha, tikkonċerna l-kontribuzzjoni tar-rikorrenti;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż tal-kawża.

Sussidjarjament, fil-każ li l-Qorti Ġenerali tqis li d-deċiżjoni kkontestata hija legalment ineżistenti minħabba li l-konvenut uża l-lingwa uffiċjali żbaljata u, għalhekk, ir-rikors għal annullament huwa inammissibbli minħabba nuqqas ta' suġġett, ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha,

- tiddikjara li d-deċiżjoni kkontestata hija legalment ineżistenti;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż tal-kawża.

## Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors taġġha, ir-rikorrenti tinvoka disa' motivi.

1. L-ewwel motiv: id-deċiżjoni tikser l-Artikolu 81(1) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014<sup>(1)</sup> moqri flimkien mal-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1 tal-15 ta' April 1958<sup>(2)</sup>, peress li ma hijiex redatta bil-Lingwa Ġermaniża magħżula għar-rikorrenti.
2. It-tieni motiv: id-deċiżjoni tikser l-obbligu ta' motivazzjoni previst fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE u fl-Artikolu 41(1) u (2)(ċ) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") u d-dritt fundamentali għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva skont l-Artikolu 47(1) tal-Karta, sa fejn il-motivazzjoni taġġha għandha lakuni partikolarment fir-rigward tal-applikazzjoni mill-konvenut tad-diversi setgħat diskrezzjonali legali u d-data tal-istituzzjonijiet l-oħra ma ġietx ikkomunikata b'tali mod li s'tħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjoni huwa prattikament impossibbli.
3. It-tielet motiv: id-deċiżjoni tikser l-Artikoli 69 u 70 tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 kif ukoll l-Artikoli 16, 17, 41 u 53 tal-Karta, sa fejn il-konvenut stabbilixxa b'mod żbaljat il-baġit annwali fil-mira; sussidjarjament, l-Artikoli 69 u 70 tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 jiksru dritt ta' livell oġġha.
4. Ir-raba' motiv: it-tieni sentenza tal-Artikolu 7(4) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/63<sup>(3)</sup> tikser dritt ta' livell oġġha sa fejn tippermetti differenzjazzjoni oġġettivament mhux xierqa u sproporzjonata bejn il-membri ta' sistema ta' protezzjoni istituzzjonali (IPS) kif ukoll relattivizzazzjoni tal-indikatur IPS.
5. Il-ħames motiv: id-deċiżjoni tikser *inter alia* l-Artikolu 113(7) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013<sup>(4)</sup> u r-rekwiżit ta' evalwazzjoni tal-kontribuzzjonijiet skont ir-riskji, sa fejn tapplika għar-rikorrenti koeffiċjent multiplikatur relattiv għall-indikatur IPS. Differenzjazzjoni bejn l-istituzzjonijiet fil-livell tal-indikatur IPS tmur kontra s-sistema u hija arbitrarja minħabba l-effett protettiv globali ta' IPS.
6. Is-sitt motiv: l-Artikoli 6, 7 u 9 u kif ukoll l-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/63 jiksru dritt ta' livell oġġha partikolarment minħabba li jmorru kontra r-rekwiżit li l-kontribuzzjonijiet jiġu kkalkolati skont ir-riskji, kontra l-prinċipju ta' proporzjonalità u kontra r-rekwiżit li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-fatti kollha.
7. Is-seba' motiv: id-deċiżjoni tikser il-libertà ta' intrapriża tar-rikorrenti prevista fl-Artikolu 16 tal-Karta u l-prinċipju ta' proporzjonalità sa fejn il-multiplikaturi ta' aġġustament tar-riskju użati ma humiex konformi mal-profil tar-riskju tar-rikorrenti, li huwa oġġha mill-medja.
8. It-tmien motiv: id-deċiżjoni tikser l-Artikoli 16 u 20 tal-Karta kif ukoll il-prinċipju ta' proporzjonalità u d-dritt għal amministrazzjoni tajba minħabba żbalji manifesti fl-eżerċizzju ta' diversi setgħat diskrezzjonali mill-konvenut.
9. Id-disa' motiv: l-ewwel u t-tieni sentenza tal-Artikolu 20(1) tar-Regolament ta' Delega jiksru l-Artikolu 103(7) tad-Direttiva 2014/59/UE<sup>(5)</sup> kif ukoll ir-rekwiżit li l-kontribuzzjonijiet jiġu kkalkolati skont ir-riskji.

(1) Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jstabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU 2014, L 225, p. 1)

(2) Regolament Nru 1 li jstabbilixxi l-lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunità Ekonomika Ewropea (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 1, p. 3).

(3) Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/63 tal-21 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet ex ante għall-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni (ĠU 2015, L 11, p. 44, rettifika fil-ĠU 2017, L 156, p. 38).

(4) Regolament (UE) 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU 2013, L 176, p. 1, rettifika fil-ĠU 2013, L 208, p. 68 u fil-ĠU 2013, L 321, p. 6).

(5) Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2014, L 173, p. 190).